PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

29.11.2007

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea 2004 - 2007

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Giusto Catania

X'ġara (x'ma ġarax) sa mill-2003 (data ta' l-aħħar rapport ġenerali tal-PE dwar id-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea)...

1. Fl-2003 il-Parlament Ewropew adotta l-aħħar rapport ġenerali tiegħu dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea. Ir-raġunijiet għala l-LIBE ppospona l-preżentazzjoni ta' rapport annwali ġdid sas-sena 2007 kienu marbutin ma' l-eżistenza ta' erba' kundizzjonijiet bażiċi li setgħu għamlu possibbli l-adozzjoni ta' "ġenerazzjoni ġdida" ta' rapporti ġenerali, wara dawk adottati sa mill-1992. Dawn kienu:

a) - it-trasformazzjoni tal-Karta Ewropea f'test li jorbot. Dan kien wieħed mill-objettivi tat-Trattat Kostituzzjonali iżda issa huwa msemmi biss mit-Trattat ta' Riforma li jista' jiġi rratifikat sa Jannar 2009.

b) - il-ħolqien ta' Aġenzija speċifika għad-Drittijiet Fundamentali (skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew ta' l-2003) li tkun tista' tiġbor dejta newtrali u komparabbli dwar is-sitwazzjoni fl-Istati Membri. Kellhom jgħaddu tliet snin biex jiġi adottat ir-Regolament ta' l-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali, li kienet limitata serjament fil-poteri u l-ambizzjonijiet tagħha mill-Istati Membri u li issa qegħda tiddefinixxi, bi sforz konsiderevoli, il-korpi u l-istrutturi amministrattivi tagħha, iżda qegħda ddum wisq biex tagħmel dan, tant li l-aġenzija x'aktarx li tibda topera b'mod sħiħ meta l-istituzzjonijiet ser jiġu obbligati jirrevedu l-mandat tagħha bħala riżultat tat-trattat il-ġdid.

ċ) - it-tnedija ta' evalwazzjoni regolari tal-leġiżlazzjoni l-ġdida ta' l-UE dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali. Minkejja Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tħabbar id-deċiżjoni li tittieħed azzjoni, fl-aħħar tliet snin ma ġew innotati l-ebda riżultati, l-ebda diwi fl-eżerċizzju ta' "l-għamil ta' liġi aħjar", u meta saret referenza (bħal f'diversi miżuri li jaffermaw l-invokar tal-ġlieda kontra t-terroriżmu) dan ikun jidher aktar bħala eżerċizzju retoriku milli argumentazzjoni dokumentata sewwa (ara l-proposta riċenti tal-Kummissjoni dwar il-PNR Ewropew)[1].

d) - it-twettiq ta' kordinazzjoni inter-istituzzjonali neċessarja u riformi interni fl-istituzzjonijiet ta' l-UE.
Huwa pjuttost sorprendenti li l-istituzzjonijiet ta' l-UE, wara l-proklamazzjoni konġunta tagħhom tal-Karta fis-sena 2000, ma implimentawx id-dikjarazzjoni tagħhom billi jadattaw l-istruttura interna tagħhom u joħolqu unitajiet amministrattivi ġodda u billi jħarrġu lill-uffiċjali tagħhom għad-dimensjoni l-ġdida tal-politika ta' l-UE. Sa issa, l-impatt reali tal-Karta fil-metodi ta' ħidma ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE jidher li huwa limitat ħafna billi:

[1] Barra minn hekk, għal diversi miżuri ta' l-UE, id-dover pubbliku fundamentali li jassigura s-sigurtà taċ-ċittadini ppreżenta ruħu aktar u aktar bħala dritt fundamentali li jegħleb id-drittijiet fundamentali l-oħrajn. M'għandniex xi ngħidu, dan il-kunċett m'huwiex magħruf ma' l-ECHR u mal-Karta li, għall-kuntrarju, tinvoka l-ħtiġijiet tas-sigurtà pubblika bħala limitu għad-drittijiet fundamentali u bħala limitu li għandu jiġi applikat f'każijiet eċċezzjonali u motivati u meta jkun neċessarju biss f'soċjetà demokratika.
Ir-referenza għad-demokrazija hija partikolarment importanti mhux biss għall-Istati Membri (li ħafna minnhom esperjenzaw perjodi ta' dittatorjat fl-aħħar seklu) iżda wkoll għall-Unjoni Ewropea nnifisha li għadha qed tistenna r-riformi li ser iżidu r-responsabbiltà demokratika tagħha u r-regola tal-prinċipju tal-liġi (b'mod partikolari fl-oqsma tat-tieni u t-tielet pilastru).

- fil-Kummissjoni, la hemm riżultati viżibbli tal-ħidma tal-Grupp inter-istituzzjonali ta' Kummissarji, la hemm riforma ġenerali fis-segretarjat ġenerali tal-KKE, u lanqas ma hemm referenza għal din id-dimensjoni anki fl-hekk imsejjaħ "għamil ta' liġi aħjar";
- fil-Kunsill, id-dimensjoni interna tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali hija prattikament non-eżistenti anki jekk sadanittant diversi Stati Membri ġew ikkundannati minn imħallfin fi Strasburgu u l-Lussemburgu.

Għalhekk, kuntrarju għal dak li kien qed jistenna l-Parlament Ewropew, l-Istituzzjonijiet ta' l-UE għadhom qed isibuha estremament bi tqila biex jieħdu l-proklamazzjoni tal-Karta bħala l-mument minn fejn il-linji politiċi Ewropej suppost kellhom jiġu orjentati mill-ġdid minn approċċ orjentat lejn l-"amministrazzjoni" għal wieħed orjentat iċ-"ċittadin".

u x'ġara ...

2. Billi għedna li huwa wkoll aktar minn evidenti li sa mill-2003 il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali ġewwa l-Unjoni Ewropea sar suġġett permanenti fost is-soċjetà ċivili Ewropea, waqt li inkoraġġixxa liċ-ċittadini tagħna biex jinvokaw l-interventi ta' l-istituzzjonijiet Ewropej u biex jiġġustifikaw aktar u aktar riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Matul dak il-perjodu, ir-riżoluzzjonijiet ewlenin tal-Parlament Ewropew jirreferu għal titjiriet tas-CIA, għall-abbuż possibbli ta' dejta personali, l-iżvilupp ta' l-omofobija f'diversi Stati Membri, id-diskriminazzjoni, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, il-libertà tal-moviment tan-nies. Huwa interessanti wkoll li fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet il-Parlament Ewropew aġixxa b'mod parallel u kumplimentari mal-Kunsill ta' l-Ewropa.

F'din il-perspettiva ser ikun estremament importanti li tiġi stabbilita koperazzjoni permanenti mal-Kunsill ta' l-Assemblea Parlamentari ta' l-Ewropa, is-Segretarju Ġenerali tiegħu (li huwa kompetenti biex jaġixxi skond l-artikolu 52 tal-Konvenzjoni ECHR) u l-Kummissarju tiegħu għad-Drittijiet tal-Bniedem.
Tali koperazzjoni ser tkun saħansitra iktar importanti, minħabba li huwa neċessarju li tiġi iffaċċjata ż-żieda tal-movimenti populisti u ksenofobiċi (u wkoll tal-partiti politiċi) fl-Ewropa. Dawn il-movimenti spiss jattakkaw il-kunċett sħiħ tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem billi jassoċjawhom ma' propoganda xellugija estrema u liberali - bħala kuntrast mal-valuri tradizzjonali.

3. Koperazzjoni bejn il-Parlamenti Nazzjonali u l-Parlament Ewropew ser tkun ta' interess saħansitra akbar fil-qafas il-ġdid tat-Trattat ta' Riforma li jippreveni reġim speċifiku għall-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-linji politiċi ta' l-UE li jsaħħu l-Karta ta' l-UE, bħal-linji politiċi relatati ma' l-oqsma tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja. Billi jassoċja flimkien il-Kummissjoni, il-Gvernijiet Nazzjonali u l-Parlamenti Ewropej u Nazzjonali, it-Trattat il-ġdid jagħmel possibbli evalwazzjoni mutwa aktar trasparenti u fehim bejn leġiżlaturi nazzjonali u Ewropej, b'mod partikolari meta dawn jiddefinixxu d-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini Ewropej. Għarfien aktar fil-fond ta' l-impatt reali fil-livell nazzjonali tal-miżuri ta' l-UE u djalogu aktar strutturat mal-parlamenti nazzjonali u s-soċjetà ċivili ser jagħmlu aktar konkret id-dibattitu annwali tal-PE dwar il-progress li sar fl-iffurmar ta' l-UE bħala qasam tas-sigurtà tal-libertà u tal-ġustizzja.

Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Kummissjoni, Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali indipendenti u kredibbli, flimkien ma' korpi tal-Kunsill ta' l-Ewropa, għandhom jiġbru għall-PE id-dejta rilevanti kollha f'dawn l-oqsma biex b'hekk tkun tista' tiġi abbozzata l-leġiżlazzjoni l-ġdida li taffettwa d-drittijiet fundamentali u, meta tiġi adottata, tkun tista' tiġi evalwata.
Minħabba s-sensittività għolja ħafna ta' dawn il-linji politiċi u l-interess tagħhom għaċ-ċittadini Ewropej, huwa neċessarju wkoll li jiġi stabbilit xi tip ta' mekkaniżmu li jagħti rispons malajr bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE f'każ ta' problemi li jistgħu jieħdu s-snin biex jiġu solvuti permezz ta' proċeduri ġudizzjali ordinarji.

4. Fl-istess perjodu ta' żmien il-Ġudizzjarju fil-livell Ewropew u nazzjonali enfasizza l-irwol dejjem jikber ta' l-Unjoni Ewropea fuq kwistjonijiet bħall-Mandat ta' Arrest Ewropew, il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku, il-ħtieġa għall-Istituzzjonijiet Ewropej infushom li jħarsu d-drittijiet fundamentali. Kif deher b'mod ċar fis-seminars tal-LIBE fl-2005 u fl-2007 mal-qrati kostituzzjonali Ewropej u nazzjonali, il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali sar aktar u aktar dover komuni fuq il-livell lokali, nazzjonali u Ewropew. Dak li hu essenzjali meta wieħed jiffaċċja l-ħarsien f'ħafna livelli huwa li jiġu evitati kunflitti pożittivi u negattivi u barra minn hekk li ma jintużawx il-leġiżlazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea jew ftehimiet internazzjonali sabiex jitbaxxa l-livell ta' ħarsien ta' dawn id-drittijiet.
(lista indikattiva tas-sentenzi maġġuri - anness I)

5. Fis-snin riċenti rajna wkoll irwol dejjem jikber għas-soċjetà ċivili notevolment meta xi testi leġiżlattivi Ewropej influwenzaw id-drittijiet fundamentali tat-tfal, tar-refuġjati u l-emigranti, eċċ. (ara l-każ tal-miżuri ta' kontra d-diskriminazzjoni, it-titjib tal-libertà tal-moviment, l-aċċess għal dokumenti pubbliċi, il-ħarsien tal-libertà ta' l-espressjoni jew ta' dejta personali).

Il-Kumitat LIBE rċieva għajnuna mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'mod partikolari sa mill-2005 meta wettaq iż-żjarat tiegħu fiċ-ċentri għar-refuġjati u l-immigranti (f'Lampedusa, Ceuta u Melilla, Pariġi, il-Gżejjer Kanari, Malta, il-Greċja, il-Belġju u r-Renju Unit). Barra minn hekk, għandu jiġi irrievokat li l-linji politiċi relatati mal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja ma jistgħux jiġu pparagunati ma' linji politiċi tradizzjonali ta' l-UE bħal dawk relatati mas-suq intern fejn, għal diversi diċenji, is-soċjetà ċivili u gruppi ta' interess oħrajn tagħha kkonsolidaw koperazzjoni li tiffunzjona sewwa ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE. Fil-każ ta' linji politiċi relatati mal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, tali koperazzjoni għadha nieqsa fil-livell Ewropew, l-aktar minħabba n-nuqqas ta' trasparenza fir-relazzjonijiet kurrenti bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u Ewropej. Dan in-nuqqas ta' ċarezza jista' jispjega għala l-intervent ta' l-NGOs u tas-soċjetà ċivili fil-livell ta' l-UE għadu episodiku jew użat ħażin, peress li l-problemi li għandhom jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali jiġu mqajma fil-livell Ewropew u viċi versa.

Minħabba r-riżultati sodisfaċenti esperjenzati, huwa essenzjali li meta l-adozzjoni jew l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea tkun fir-riskju, is-soċjetà ċivili għandha tissottometti l-proposti tagħha b'mod aktar strutturat. Il-programmi finanzjarji riċenti għall-2007/2013 għandhom iservu ta' għajnuna għal tali *networking* safejn hu konċernat aċċess aktar trasparenti għax-xogħlijiet preparatorji leġiżlattivi ta' l-Istituzzjonijiet.

M'għandniex xi ngħidu li l-post ewlieni għal tali djalogu għandu għalhekk ikun il-Parlament Ewropew bħala l-unika istituzzjoni ta' l-UE eletta direttament (anki jekk ikun loġiku li anki l-

istituzzjonijiet l-oħrajn u l-FRA jirreferu għall-NGOs bil-għan li jnaqqsu d-differenza demokratika drammatika bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet ta' l-UE).

Kif jingħaqdu l-affarijiet u titħejja l-iskadenza ta' l-1 ta' Jannar 2009?

Issa wasal iż-żmien li titqajjem il-prattika mibdija fl-1992, billi jiġi adottat rapport ġdid tal-LIBE dwar il-politika interna ta' l-UE għad-drittijiet fundamentali, f'sitwazzjoni ġdida li toħroġ mit-Trattat ta' Riforma u mill-ħtieġa li jiġu mħarsa l-prinċipji fundamentali ta' l-UE (art. 7 p.1 TEU) u l-"valuri" mqanqla fl-art. 2 tat-Trattat il-ġdid.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, ir-Rapporteur tiegħek għandu l-ħsieb li jħejji rapport li għandu jiġbor fil-qosor it-tħassib l-aktar importanti dwar l-istat tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea u jippreżenta xi rakkomandazzjonijiet dwar il-mod li bih tintlaħaq is-sitwazzjoni legali u istituzzjonali li għandha toħroġ mit-Trattat il-ġdid u mid-dħul fis-seħħ tal-Karta ta' l-UE.
Minħabba l-ambizzjoni kbira ferm ta' din l-isfida, il-LIBE għandu jieħu l-ħin kollu meqjus bħala neċessarju u għandu jorganizza d-diskussjonijiet adattati sabiex jiffinalizza rapport tajjeb.

L-ISTRUTTURA TAR-RAPPORT

Wara diskussjonijiet inizjali bejn ir-Rapporteur u r-Rapporteurs fl-oppożizzjoni, ir-rapport jista' jkollu struttura kif ippreżentata hawn taħt.

L-Ewwel Parti
Sezzjoni A
Deskrizzjoni sistematika tal-bidliet fil-ħarsien u l-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa fl-aħħar ftit snin u bidliet possibbli fil-ġejjieni, li jistgħu jieħdu kunsiderazzjoni ta':

- ir-relazzjonijiet bejn il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta Ewropea u l-kostituzzjonijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE (deċiżjonijiet ġodda ta' l-oġħla qrati tad-drittijiet tal-bniedem, il-Karta bħala parti mit-Trattat ta' l-UE, l-UE bħala parti mill-Konvenzjoni ECHR)
- l-irwol tal-qrati nazzjonali fil-ħarsien tad-drittijiet fundamentali,
- il-qafas istituzzjonali l-ġdid fi ħdan l-UE ma' l-FRA bħala korp ġdid

(introduzzjoni għas-suġġett - anness II)

Sezzjoni B
Il-bidliet fil-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fi tnax-il stat membru, bħala riżultat tas-sħubija tagħhom fl-Unjoni Ewropea. X'inhu l-valur miżjud tas-sħubija fl-UE f'dan il-qasam – deskrizzjoni strutturali tal-bidliet f'deċiżjonijiet ġudizzjali, linji politiċi tal-gvern, u l-għarfien pubbliku?
(introduzzjoni għas-suġġett - anness III)

It-Tieni Parti

Fokus fuq l-oqsma importanti tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali madwar l-UE safejn huma konċernati l-leġiżlazzjoni u l-attività ta' l-Unjoni Ewropea, fl-oqsma li ġejjin:

- id-drittijiet ċivili u politiċi u l-ħarsien tal-minoritajiet;
- id-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari fir-rigward tat-traffikar tat-tfal;
- il-libertà tal-moviment u l-ħarsien ta' l-immigranti (sitwazzjoni kemm ta' l-immigranti irregolari kif ukoll ta' dawk regolari);
- miżuri kontra d-diskriminazzjoni razzjali u l-omofobija;
- il-libertà tal-kelma, il-protezzjoni tad-dejta u miżuri kontra ċ-ċiber-kriminalità;
- miżuri Ewropej dwar il-kontro-terroriżmu, l-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom u l-konformità tagħhom mad-drittijiet fundamentali; u
- drittijiet bażiċi tal-konvenut, drittijiet proċedurali.

Ir-rapport għandu jieħu bħala bażi r-riżoluzzjonijiet diġà adottati mill-Parlament - anness IV

KALENDARJU TAR-RAPPORT

Is-sekwenza ta' l-attivitajiet tista' tkun kif ġej:

- Jannar - April 2008 - abbozz ta' rapport u diskussjonijiet dwar is-suġġetti ewlenin tar-rapport
- Mejju/Ġunju: adozzjoni possibbli mil-LIBE
- Settembru 2008: adozzjoni mill-plenarja

ANNESSI GĦAD-DOKUMENT TA' ĦIDMA:

- Anness I - Dokument informattiv dwar l-istatus tal-ġurisprudenza riċenti dwar id-drittijiet fundamentali fil-qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja
- Anness II - Dokument informattiv dwar relazzjonijiet bejn l-ECHR, il-Karta u l-Kostituzzjonijiet
- Anness III - Dokument informattiv dwar il-kwistjonijiet strutturali u metodoloġiċi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranza wara t-tkabbir lejn il-lvant
- Anness IV - Dokument informattiv dwar ir-riżoluzzjonijiet tal-PE fil-qasam tad-drittijiet fundamentali.
- Anness V - Dokument informattiv dwar l-attivitajiet ta' l-UE li għadhom għaddejjin fil-qasam tad-drittijiet ta' l-immigranti, l-omofobija, id-drittijiet tat-tfal, il-protezzjoni tad-dejta, il-vjolenza domestika, ir-razziżmu u l-ksenofobija u d-drittijiet bażiċi tal-konvenut
- Anness VI - Dokument informattiv dwar l-irwol tal-qrati nazzjonali u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem